

Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

14768/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0148 (COD)

CODEC 1888
CONSUM 368
MI 864
COMPET 803
TELECOM 311
JUSTCIV 275
DIGIT 255
IND 329
IA 193

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-26 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ottubru 2016².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Novembru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għandu għalhekk ikun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ dok. 9565/16.

² ĠU C 34, 2.2.2017, p. 100.

³ dok. 14261/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt “A” tal-aġenda ta’ laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 41/17, bid-delegazzjoni Żvediża tivvota kontra u d-delegazzjoni Awstrijaka tastjeni;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta’ dik il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tidher fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
